MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 11/2008

**Anthony Borg**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Settembru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tas-7 ta' Awissu 2007 li permezz taghha giet michuda it-talba ta' Anthony Borg ghall-Assistenza Socjali peress li l-mezzi tieghu kienu jeccedu l-iskala kif ukoll tal-istess data li biha intalab jirrifondi ammont li kien irceva meta ma kienx dovut.

> Dawn id-decizjonijiet ittiehdu wara investigazzjoni dipartimentali u huwa simili ghad-decizjoni l-ohra li wkoll giet appellata bin-numru 567/07 li qed tigi ukoll deciza llum u li ghaliha qed issir ampja riferenza biex tigi evitata ripetizzjoni inutili; gew esebiti diversi kuntratti li jwaddbu dawl fuq dawn id-decizjonijiet.
>
> Ghall-istess ragunijiet anki dawn id-decizjonijiet jidhru li kienu gustifikati u ghalhekk anki dan l-appell ghandu jigi michud.**”**

Anthony Borg appella minn din is-sentenza bl-istess illmenti identici ghal dawk ta’ l-Appell 12/08 fl-istess ismijiet;

Ghal dawk li huma l-fatti principali tal-kaz jirrizulta mill-atti processwali quddiem l-Arbitru illi fl-2005 sew l-appellanti kif ukoll martu Brigette Borg applikaw ghall-Ghajnuna Medika (SKA) li giet approvata. B’ittra tas-7 ta’ Awissu, 2007 d-Dipartiment informa lill-appellanti illi peress li l-mezzi taghhom kienu jissuperaw l-iskala ghall-intitolar ta’ dak il-beneficcju huma gew li thallsu zzejjed ghall-perijodu mill-11 ta’ Gunju, 2005 sat-22 ta’ Gunju, 2007;

Ta’ min jirrileva illi talba ghall-Ghajnuna ghal Mard kienet timporta b’obbligu illi l-applikanti jiddikjaraw taht it-Tielet Parti ta’ l-applikazzjoni, kwantu ghar-rizorsi kapitali taghhom, “proprjeta` ta’ bini” u “kull proprjeta` ohra ta’ valur, inkluzi dawk trasferiti jew moghtija lil haddiehor”. Fil-kaz in ezami ma nghata ebda taghrif bhal dan, cionostante li kif rizultanti mill-konsiderazzjonijiet zvolti fl-Appell l-iehor, kontestwalment deciz, l-appellanti u martu kienu sentejn qabel l-applikazzjoni ghal Ghajnuna ghal Mard iddonaw lil uliedhom zewg proprjetajiet mibnija mill-istess appellanti fuq art permutata ma’ terza persuna;

Fuq din il-kwestjoni l-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tissofferma aktar minn necessarju hlief forsi biex tirrepeti l-osservazzjoni illi kien jinkombi b'diligenza u fir-rispett tal-ligi illi l-appellanti jottempera ruhu, kompletament u fedelment, ma' dik l-esigenza li jissupplixxi t-taghrif kollu rikjest minghandu ghall-evalwazzjoni tat-talba tieghu. Mill-kumplament, bhall-Arbitru qabilha, din il-Qorti wkoll taghmel applikabbli ghall-appell odjern l-osservazzjonijiet minnha maghmula f'dak l-appell l-iehor Numru 12/08.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra dedotti fl-Appell Numru 12/08, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Kif konswet, l-ispejjez relattivi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------